Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 720/2003

**B.A.S. Limited**
**vs**

**Blaschem (Malta) Limited**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-8 ta' April, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sebghin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm70.46), rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta` konvenuta fuq ordnijiet taghha stess bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Marzu, 2003.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` konvenuta fil-15 ta' Mejju, 2003, li biha ammettiet it-talba kif dedotta.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' sebghin lira Maltija u sitta**

**u erbghin centezmu (Lm70.46) bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Marzu, 2003 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu, 2003, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------